**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 13 ta' Ottubru 2016**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 869/2015**

**JMC Properties Limited u James Zammit**

**vs**

**Victor Schembri u martu Nadia Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-15 ta' Settembru 2015 li jghid hekk:

1) Illi l-kontendenti resqu ghal ftehim Ii permezz tieghu r-rikorrenti ghaddew b'hire-purchase lill-intimati l-vettura Mercedes mudell E220 CDI numru ta' registrazzjoni LCR 074.

2) Illi l-intimati ma hallsux il-pagamenti minnhom dovuti lir-rikorrenti dwar dan il-ftehim, u fadal is-somma ta' €19,572 (dsatax ii-elf hames mija u tnejn u sebghin ewro) x'tithallas mill-intimati lir-rikorrenti.

3) Illi l-vettura Mercedes mudell E220 CDI numru ta' registrazzjoni LCR 074 hi wkoll proprjeta tar-rikorrenti u hekk baqghet sal-lum.

4) Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza stante Ii l-intimati, minkejja Ii nterpellati, xorta baqghu inadempjenti u ma effettwaw ebda hlas u ma rritornawx il-pussess tal-vettura lir-rikorrenti.

Jghidu l-intimati ghalhekk ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u solidalment debituri tar-rikorrenti fis-somma bilancjali ta' €19,572 (dsatax-il elf hames mija u tnejn u sebghin ewro) kif fuq inghad.

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €19,572 (dsatax-il elf hames mija u tnejn u sebghin ewro).

3. Tiddikjara li l-vettura Mercedes mudell E220 CDI numru ta' registrazzjoni LCR 074 hi proprjeta tar-rikorrenti, u tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirritornaw il-pussess ta' din il-vettura tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni pprezentat mir-rikorrenti kontra l-intimati, akkordat favur ir-rikorrenti b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2014, u tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-atturi tat-22 ta' Settembru 2016 fejn irriducew l-ammont tat-talba taghhhom ghal €13,500;

Rat in-nota ta' amminissjoni tal-konvenuti pprezentata fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 ghall-ammont kif ridott;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u in solidament lil atturi l-ammont bilancjali ta' tlettax-il elf hames mija (€13,500) bl-ispejjez jibqghu bla taxxa, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effetti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur